MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 315/2003

**Carmel ZAMMIT u Doris ATTARD CASSAR**

vs

**EMMANUEL SAID LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-27 ta’ Marzu, 2003, li bih l-atturi ppremettew:

Illi l-atturi jikru lill-kumpannija konvenuta l-fond magħruf bħala Cressi-Sub Store fi Triq Salvu Pulis, Żabbar, versu l-kera ta’ tlett mija u sebgħin lira maltin (Lm370) fis-sena li jitħallsu kull sitt xhur bil-quddiem;

Illi permezz ta’ ittra uffiċjali tat-22 ta’ April 2002, l-atturi intimaw lill-konvenut li jridu jawmentaw il-kera għal tlett elef lira maltin (Lm3,000) fis-sena u dan skond kif ġie stabbilit mill-Arkitett Jean Pierre Attard liema intimazzjoni

saret a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artiklu 14(1) tal-Kap 69;

Illi stante li l-kera teċċedi l-erbgħin lira maltin (Lm40) fis-sena jispetta lill-konvenut bħala inkwilin sabiex, jekk jixtieq jikkontesta tali awment li jippreżenta r-rikors opportun fil-Bord li Jirregola l-Kera, iżda minflok ma għamel hekk l-intimat sempliċement bagħat ittra uffiċjali risponsiva fis-17 ta' Mejju 2002;

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet, sal-lum il-konvenut ma ppreżenta l-ebda rikors fil-Bord li Jirregola l-Kera u dan bi preġudizzju għall-atturi;

Għalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tipprefeġġi terminu qasir u perentorju li fih il-konvenut għandu jippreżenta r-rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera sabiex permezz tiegħu jitlob li tiġi riġettata t-talba għall-awment kif fuq imsemmija u jekk jonqos milli jippreżenta tali rikors fiż-żmien premess li jitqies li huwa ddekada u li konsegwentement l-awment mitlub mill-atturi jiġi meqjus bħala aċċettat mill-inkwilin b'effett mill-iskadenza tal-1 ta' Lulju 2002;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt in subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi, flimkien mal-erba' (4) dokumenti mehmużin magħha;

Rat illi l-atti tal-kawża ġew debitament notifikati lill-imħarrkin li naqsu li jippreżentaw Nota ta' Eċċezzjonijiet fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi u b'hekk baqgħu kontumaċi;

Semgħet lill-Avukat ta' l-atturi;

Eżaminat l-atti tal-kawża, fosthom id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tat-18 ta' Marzu, 2004;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-7 ta' Mejju, 2004;

Rat in-Nota ta' ċessjoni mressqa mill-atturi waqt is-smigħ tal-lum, li biha huma żammew sħiħ il-kap ta' l-ispejjeż u dan billi l-mertu tal-azzjoni tagħhom intemm wara li l-kumpannija mħarrka ressqet il-proċedura meħtieġa kontra l-atturi wara li din il-kawża kienet diġa' nbdiet;

Billi l-kumpannija mħarrka u l-avukat tagħha, msejħin għadd ta' drabi baqgħu ma dehrux;

Għalhekk, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tastjeni milli tqis iżjed it-talba attriċi fil-mertu, billi l-mertu ġie eżawrit u ċedut; u

2. Tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas l-ispejjeż ta' din il-kawża ladarba l-kawża nfetħet minħabba n-nuqqas tagħha.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------